



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 138/15

Il-Lussemburgu, 16 ta' Novembru 2015

Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tingħaqad mar-rispett lejn il-memorja tal-vittmi tal-attentati tat-13 ta' Novembru f'Pariġi

Wara l-attentati li seħħew f'Pariġi, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea illum bagħat, f'isem l-istituzzjoni, messaġġi ta' kondoljanzi lill-awtoritajiet Franċiżi fejn esprima s-sentimenti mill-qalb u s-solidarjetà tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tikkondividi kompletament is-sofferenza u l-biża' pprovokati minn dawn l-attentati u ssostni lil Franza fid-dawl ta' din it-traġedja. B'mod simboliku, il-Membri u l-persunal tal-istituzzjoni ngħaqdu illum, f'nofsinhar, madwar l-iskultura *Penseur*, xogħol ta' Auguste Rodin, li tinsab esposta fil-passaġġ prinċipali li jgħaqqad id-diversi bini tal-istituzzjoni, sabiex josservaw minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja tal-vittmi.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355